Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 124/2011/1 AE

**Massimo Cremona [K.I. 333273 M]**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

Il-Gimgha, 8 t'April 2016.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent tat-28 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu ikkontesta quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ittra ufficjali mahruga kontrih fl-20 ta' Novembru 2009 a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Kontrollur tad-Dwana. Din l-ittra kienet qeghda tinterpellah ihallas is-somma totali ta' wiehed u ghoxrin elf seba' mija u seba' Ewro (€21,707) bhala dazju fuq importazzjoni ta' *frozen boneless beef* impurtat fl-2005 u l-2006.

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana tat-2 ta' Mejju 2011[1] li permezz taghha eccepixxa (i) preliminarjament il-validita' tan-notifika tal-ittra ufficjali kontestata; (ii) fil-mertu, it-talba tal-Kontrollur ghall-hlas kif pretiz f'dik l-ittra ufficjali saret skont il-Kap 37 u 337 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) ir-rikorrent kien ta nformazzjoni nkorretta u zvijanti lid-Dwana sabiex tigi rilaxxjata konsenja ta' laham iffrizat, liema nformazzjoni kienet turi valuri differenti minn dawk fuq l-*invoices* mahruga mill-kumpanija originali li minghandha ngieb il-laham u rrizulta ghalhekk telf ta' dazju f'ammont sostanzjali a skapitu tad-Dipartiment tad-Dwana.

Rat il-verbal tat-2 ta' Gunju 2011[2] li fih it-Tribunal *ex officio* ssolleva l-kwistjoni jekk huwa ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jitratta dan il-kaz stante li l-kontestazzjoni tar-rikors hija ghal talba maghmula fil-konfront tieghu mill-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' ittra ufficjali mahruga ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12.

Rat is-sentenza tat-Tribunal Ta' Revizjoni Amministrattiva, datata 20 ta' Marzu 2012, fejn gie deciz hekk:

[1] Fol 17
[2] Fol 33

*"Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal, filwaqt illi fid-dawl ta' dak provdut fl-Att XXII ta' l-2011 jordna li l-okkju tal-kaz, ir-Rikors promotur, ir-Risposta relattiva u l-atti l-ohra kollha tal-kaz jigu korretti fis-sens illi l-kliem "Kontrollur tad-Dwana" jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "Kummissarju tat-Taxxi", jiddikjara li ma ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jiddeciedi l-kaz imressaq quddiemu mir-Rikorrent u ghaldaqstant jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-rikorrent."*

Dan wara li ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. In vista ta' tibdiliet fil-ligi li sehhew fil-mori tal-kawza, kull referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghall-Kontrollur tad-Dwana fl-atti tat-taxxa ghandha tibda tinqara u tiftiehem bhala referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi u ghalhekk kellha ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju u fl-atti l-ohra tal-kawza;

ii. Il-proceduri mir-rikorrent gew intavolati b'kontestazzjoni ta' ittra ufficjali mahruga a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bis-sahha ta' liema huwa gie nterpellat ihallas somma flus rapprezentanti dazju fuq importazzjoni ta' laham iffrizat;

iii. Ghalkemm il-Kap 37 ma jipprovdix ghad-dritt ta' persuna li thossha aggravata b'decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi – inkluza decizjoni dwar il-imposizzjoni ta' dazju fuq importazzjoni – li tirrikorri ghal quddiem dan it-Tribunal biex tikkontesta dik id-decizjoni, tali dritt però jemani b'mod specifiku mill-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv. Id-dritt ta' appell minn decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, fiz-zmien il-Kontrollur tad-Dwana, kien jezisti wkoll qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta. Fi kwalunkwe kaz, illum id-dritt ta' rikors ghal revizjoni ta' att amministrattiv jinsab provdut fl-artikolu 5 tal-Kap 490;

v. Però b'daqshekk ma jfissirx li kull tip ta' kontestazzjoni ghal decizjoni ta' Kap ta' Dipartiment tal-Gvern ghandha u trid bilfors tigi imressqa quddiem dan it-Tribunal. Il-proceduri specjali stipulati fis-sistema procedurali nostrali ghandhom jibqghu jigu osservati nonostante l-holqien tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dana anke fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta;

vi. Minn dan l-artikolu tal-Ligi johrog car li f'kaz li gja jkun hemm Qorti jew Tribunal Amministrattiv iehor li jkun qieghed jiehu konjizzjoni tal-vertenza bejn il-privat u l-awtorità pubblika, allura dan it-Tribunal ma jkunx kompetenti biex jiehu konjizzjoni dik it-tilwima partikolari;

vii. Minn dawn l-insenjamenti johrog car li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta hija procedura partikolari ghall-gbir ta' krediti tal-Gvern u bil-prezentata ta' l-ittra ufficjali quddiem il-Qorti kompetenti, il-vertenza bejn il-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern koncernat u l-privat tkun tressqet u ingabet a konjizzjoni ta' dik il-Qorti. Peress illi l-kontestazzjoni ghall-interpellazzjoni ghall-hlas avvanzata b'dik l-ittra ufficjali hija l-prosegwiment ta' l-*iter* li jkun gie inizzjat b'dik l-istess ittra,

necessarjament isegwi li dik l-interpellazzjoni ghandha tigi kontestata quddiem l-istess Qorti li taht l-awtorità taghha tkun inharget dik l-ittra;

viii.Meta dan kollu jigi kkunsidrat fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta isegwi li t-Tribunal huwa prekluz milli jiehu konjizzjoni tal-vertenza naxxenti minn tali ittra ufficjali u ghalhekk ma ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jiddeciedi dan il-kaz.

Ir-rikorrent hassu aggravat minn din is-sentenza u ntavola appell minnha quddiem din il-Qorti. L-intimat wiegeb[3]. Waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu 2014 dehru l-partijiet assistiti u d-difensuri taghhom ghamlu trattazzjoni orali. Sussegwentement l-appellant intavola rikors datat 10 ta' Marzu 2016[4] fejn *ai termini* tal-artikolu 741 (b) tal-Kap 12 talab lil din il-Qorti sabiex tordna li l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lill-Qorti, bord jew tribunal li l-Qorti tikkunsidra li ghandhom kompetenza biex jisimghu il-kaz. B'digriet datat 14 ta' Marzu 2016[5] il-Qorti cahdet it-talba ghax kif inhi maghmula ma hijiex il-procedura kontemplata fl-artikolu 741 (b) tal-Kap 12 u ntrodotta bl-Att IV tal-2016.

Fit-30 ta' Marzu 2016 l-appellant rega' pprezenta rikors fejn talab lill-qorti sabiex permezz ta' digriet *in camera*, li ma jkunx appellabli, tordna li l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lill-Qorti, bord jew tribunal li l-Qorti tikkunsidra li ghandhom jiehdu konjizzjoni tal-kaz. Ghal darb'ohra l-qorti tichad it-talba in kwantu l-Artikolu 741(b) tal-Kap. 12 ma japplikax ghal kaz in ezami gialadarba:

1. f'dan il-kaz hemm sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li nghatat fl-20 ta' Marzu 2012, cjoe' qabel dahlu fis-sehh l-emendi bl-Att IV tal-2016;
2. Il-ligi wara l-emenda ntrodotta bl-Att IV tal-2016 m'hijiex tikkontempla sitwazzjoni fejn parti f'kawza tista' titlob lill-Qorti tal-Appell sabiex taghti provvediment *in camera* fejn tirreferi l-kaz quddiem il-qorti, Bord jew Tribunal li tqies li huma kompetenti.

Ghall-qorti hu evidenti li l-Artikolu 741(b) tal-Kap. 12 japplika ghal dawk il-kazijiet fejn eccezzjoni ta' gurisdizzjoin ghadha ma gietx deciza mill-qorti, bord jew tribunal li quddiemu qieghed jinstema' l-kaz u mhux fejn inghatat sentenza u sar appell minnha. Fic-cirkostanzi tichad it-talba.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-aggravji tal-appellant.**

1. **<u>Stharrig Gudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva – L-Art.469A</u>**

[3] Fol 16
[4] Fol 39
[5] Fol 41

L-appellant jirregistra n-nuqqas ta' qbil tieghu mas-sentenza tal-ewwel Qorti a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap 12. Fil-fehma tal-appellant ladarba dan l-artikolu jillimita l-kompetenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal revizjoni ta' atti amministrattivi li jiksru l-Kostituzzjoni jew li jkunu *ultra vires*, allura kwalunkwe revizjoni ta' atti amministrattivi ohra li jezorbitaw mill-kompetenza tal-Qrati Civili taht dak l-artikolu, jaqghu fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. L-intendiment ta' dan l-aggravju huwa li la l-mertu tal-kaz odjern ma jiffigurax fl-ambitu tal-kompetenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili taht l-art.469A tal-Kap 12, awtomatikament u necessarjament jaqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

Il-Qorti ma taqbilx. Kif qal tajjeb it-Tribunal, il-kompetenza moghtija lilu fl-artikolu 7 tal-Kap 490 kif vigenti fl-epoka meta l-appellant intavola l-proceduri quddiem it-Tribunal hija kwalifikata – *"It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu* ***kemm -il darba ma jkunx hemm qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun diga qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima****."* Certament ghalhekk li l-kompetenza tat-Tribunal hija eskluza meta tilwima tkun diga' giet registrata f'*forum* iehor.

Ma hemm ebda dubju li r-rikors tat-28 ta' Marzu 2011 gie ntavolat mir-rikorrent quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva specifikatament sabiex jikkontesta ittra ufficjali tal-Kontrollur tad-Dwana ghal hlas ta' dazju datata 20 ta' Novembru 2009 prezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili. Din l-ittra ufficjali saret a bazi tal-artikolu 466 tal-Kap 12, procedura gudizzjarja *ad hoc* mahsuba mill-legislatur sabiex meta Kap ta' Dipartiment tal-Gvern, bhal ma hu l-Kummissarju tat-Taxxi fil-kaz odjern, irid jaġixxi għall-ħlas ta' kreditu li jkollu jieħu d-dipartiment li tiegħu huwa jkun il-kap, huwa jista' jaghzel li jsegwi l-procedura stabbilita f'dak l-artikolu tal-ligi biex jirkupra tali kreditu. Il-procedura stabbilita hija li f'kaz li l-ittra ufficjali msemmija ma tigix kontestata mid-debitur hija takkwista l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-Qorti kompetenti; jekk tigi kontestata b'rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata allura dak l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh u l-process gudizzjarju jkompli skont id-dispozizzjonijiet ta' dak l-istess artikolu.

L-artikolu 466 tal-Kap 12 kif vigenti fl-epoka tal-kaz odjern jipprovdi hekk:

***466.****(1) Meta kap ta' dipartiment tal-Gvern jew iċ-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta jew rappreżentant tiegħu jrid jaġixxi għall-ħlas ta' kreditu li jkollu jieħu d-dipartiment li tiegħu huwa jkun il-kap, jew li jkollha tieħu xi amministrazzjoni ta' dak id-dipartiment, dwar kull servizz, provvista, kera jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u lisem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku*

*kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*

*(3) Ir-rikors preżentat skond is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smiegħ f'jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien.*

*(4) F'każijiet ta' xorta urġenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull żmien perentorju bħalma huwa provdut f'dan l-artikolu bilmezz ta' digriet li jiġi notifikat lill-parti l-oħra."*

L-ispirtu tal-artikolu 466 tal-Kap 12, b'sintonija ma' dak tad-dispozizzjoni citata mill-artikolu 7 tal-Kap 490 huwa li l-gurisdizzjoni tal-qorti hi determinata minn quddiem liema qorti tigi prezentata l-ittra ufficjali. Il-procedura gudizzjarja fil-kaz odjern giet skattata bl-ittra ufficjali tal-Kontrollur tad-Dwana quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Ghalhekk ir-rikors ta' kontestazzjoni ghal dik l-ittra mill-appellant, legalment u logikament kellu jsegwi l-procedura provduta fl-artikolu 466 tal-Kap 12 stess u cioe' billi jigi prezentat ukoll quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. L-iskop tar-rikors ta' kontestazzjoni mressaq mir-rikorrent appellant huwa sabiex *"It-Tribunal jiddikjara t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana bhala nfondata…".* Ebda forum hlief dak li quddiemu giet prezentata l-ittra kontestata m'ghandu l-gurisdizzjoni u l-poter li jiddikjara dik l-ittra bhala nfondata.

Dan kollu gie konfermat fil-kaz fl-ismijiet **Paul Bugeja vs Kummissarju tal-Artijiet** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-17 t'April 2012 u konfermata minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Dicembru 2013 (cioe' ferm wara li kien dahal fis-sehh il-Kap 490) b'referenza specifika dwar l-ispirtu tal-artikolu 466 tal-Kap 12-

*"Mit-test ta' dan l-artikolu tal-Ligi johrog ferm car li l-unika Qorti li hija kompetenti biex finalment tiddetermina t-talba tar-Rikorrent biex it-talba ghall-hlas avvanzata kontra tieghu mill-Kummissarju ta' l-Artijiet bl-ittra ufficjali datata 18 ta' Dicembru 2006 tigi dikjarata infondata, hija l-Qorti quddiem liema giet ipprezentata dik l-ittra ufficjali, li fil-kaz in ezami hija appuntu din il-Qorti. Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet World Wide Import/Export Company Limited v. Kontrollur tad-Dwana, Rikors Nru.48/05 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Lulju 2005.".*

Kif tajjeb osservat il-Prim'Awla (Imhallef T. Mallia) fil-kaz **World Wide Import/Export Company Limited vs Kontrollur tad-Dwana** fil-5 ta' Lulju 2005, li wkoll kienet titratta kontestazzjoni ta' ittra ufficjali prezentata *ai termini* tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12:

*"Kieku t-talba ma tigix kontestata, id-dikjarazzjoni annessa mal-att gudizzjarju ikollha effett ta' sentenza ta' dik il-Qorti, u kwindi, hu car li kull opposizzjoni*

*kellha issir quddiem dik il-Qorti kompetenti, u cioe', quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Sentenza jew procedura inizjata f'Qorti trid tigi kontestata f'dik l-istess Qorti, u mhix quddiem Qorti differenti li m'ghandhiex kompetenza tiehu konsiderazzjoni ta' dik il-materja".*

L-argument tal-appellant u l-analogija bejn il-gurisdizzjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili skont l-artikolu 469A tal-Kap 12 u l-gurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva hi bla bazi.

2. **<u>Kompetenza Generali tat-Tribunal Amministrattiv</u>**

L-iskop tal-artikolu 3 (2) (b) tal-Kap 490 huwa li t-Tribunal jiddeciedi l-kaz quddiemu fi zmien ragjonevoli u kemm jista' jkun malajr:

*"it-terminu li tribunal amministrattiv ikollu biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu għandu jkun wieħed raġonevoli skond iċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Id-deċiżjoni għandha tingħata kemm jista' jkun malajr u għal dan il-għan itTribunal għandu jagħti deċiżjoni waħda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawża kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, proċedurali jew sostantiva."*

La fil-kaz odjern l-ezami fil-mertu kien jiddependi minn kwistjoni dwar gurisdizzjoni tat-Tribunal, sollevata minnu stess, u li minnha nfisha setghet twaqqaf it-tkomplija tal-kaz, kien ferm opportun sabiex ma jinhelix hin inutli ghat-Tribunal u ghall-partijiet li tigi trattata u deciza din il-kwistjoni qabel kull kwistjoni ohra.

Inoltre, meta l-artikolu 5 tal-Kap 490 jipprovdi li l-iskop tat-Tribunal *huwa "li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra"* ovvjament qieghed jirreferi <u>ghall-att promotur li jkun gie ntavolat quddiem it-Tribunal</u> - jew skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap 490 jew skont il-provvedimenti ta' xi ligi ohra. Izda kif inghad, l-att promotur fil-kaz odjern m'huwiex ir-rikors tat-28 ta' Marzu 2011 intavolat quddiem it-Tribunal mir-rikorrent appellant, izda l-ittra ufficjali tal-20 ta' Novembru 2009 intavolata mill-Kontrollur tad-Dwana quddiem il-Qorti Civili, Prim Awla. L-argument tal-appellant ghalhekk li l-interpretazzjoni tal-artikolu 5 msemmi tkopri l-gurisdizzjoni tat-Tribunal kemm ghal revizjoni ta' atti amministrattivi istitwiti direttament quddiemu jew quddiem xi Qorti ohra taht xi ligi ohra ma tregix.

3. **<u>Oggezzjoni ghal Titolu Ezekuttiv</u>**

L-appellant jargumenta li l-artikolu 466(2) tal-Kap 12 ma jispecifikax quddiem liema Qorti ghandu jigi prezentat ir-rikors ta' kontestazzjoni ghall-ittra ufficjali u allura l-uniku ghazla huwa li jigi prezentat quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

Dan l-argument ifalli minn kull aspett. Kif diga' ntqal u gie anke konfermat mill-Qrati, is-sens logiku tas-subartikolu (2) jallaccja l-kompetenza tal-Qorti

mal-*forum* fejn giet prezentata l-ittra ufficjali bid-dikjarazzjoni guramentata, u tali Qorti ghandha takkorda l-istess effett lil dik l-ittra ufficjali daqslikieku kienet gudikat ta' dik il-Qorti stess sakemm id-debitur ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors fit-terminu stipulat.

## 4. <u>Kapitli 37 u 337</u>

Il-proceduri in kwistjoni bdew permezz ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12. Il-procedura kontemplata fl-artikolu 9 tal-Kap 337 kif ukoll il-procedura generali kontemplata ghar-revizjoni ta' atti amministrattivi a tenur tal-Kap 490 huma separati u distinti u ma hemm ebda ness jew analogija bejnhom u bejn il-procedura kontemplata taht l-artikolu 466 tal-Kap 12.

## 5. <u>Kazistika</u>

Il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma' dak li diga' qalet. L-interpretazzjoni tal-artikolu 466 tal-Kap 12 dejjem kienet l-istess u certament qatt ma kienet tikkontempla interpretazzjoni ta' procedura fejn it-talba ghall-hlas issir quddiem Qorti u l-oppozizzjoni ghaliha ssir quddiem Tribunal jew Qorti ohra. Il-gurisprudenza kemm qabel kif ukoll wara l-promulgazzjoni tal-Kap 490 hija cara u konsistenti. Hija Qorti wahda, dik li quddiemha tigi prezentata l-ittra ufficjali li ghandha s-setgha bil-ligi li tisma' l-kaz dwar l-oppozizzjoni ghat-talba.

## 6. <u>Sustanza kontra Formalizmu</u>

Fil-kaz odjern ma hemm ebda kwistjoni dwar formalizmu jew interpretazzjoni restrittiva o meno. Il-kwistjoni hi l-applikazzjoni korretta ta' procedura specifika stabbilita b'ligi. L-appellant m'ghandux jedd jippretendi li t-Tribunal jisma' u jiddeciedi kaz li m'ghandux il-kompetenza li jiddeciedi. Dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kuncett ta' flessibilita li l-appellant semma fir-rikors tal-appell.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul